# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta' April 2025**

**Talba nru. 247/2021 IS**

1. **DAVID MALLIA (I.D. 283582 (M))**
2. **MARY MALLIA (I.D. 78758 (M))**

***VERSUS***

1. **INFRASTRUCTURE MALTA**
2. **KUNSILL LOKALI IMĠARR**
3. **JOSEPH CACHIA AND SON LIMITED (C 93)**
4. **ASFALTAR CONSTRUCTION LIMITED (C 38006)**
5. **MALTA ENTERPRISE**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat mill-atturi fl-24 ta' Awwissu 2021 (a fol. 2 et seq), l-atturi talbu is-somma ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) rappreżentanti danni sofferti mill-atturi kawża ta' inċident awtomobilistiku li seħħ fit-22 ta' Settembru 2019 kif ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

Ra illi l-konvenut Kunsill Lokali Imġarr ġie notifikat fit-28 ta' Ottubru 2021 (a fol. 35) u ppreżenta risposta fit-2 ta' Novembru 2021 (a fol. 32 u 33).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta Asfaltar Construction Limited (C 38006) ġiet notifikata fit-28 ta' Ottubru 2021 (a fol. 35) u ppreżentat risposta fil-5 ta' Novembru 2021 (a fol. 36).

Ra illi l-konvenuta Infrastructure Malta ġiet notifikata fit-28 ta' Ottubru 2021 (a fol. 35) u ppreżentat risposta fit-8 ta' Novembru 2021 (a fol. 39).

Ra illi l-konvenuta Malta Enterprise ġiet notifikata fit-28 ta' Ottubru 2021 (a fol. 35) u ppreżentat risposta fl-10 ta' Novembru 2021 (a fol. 42).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta Joseph Cachia and Son Limited (C 93) ġiet notifikata fl-1 ta' Novembru 2021 (a fol. 35) iżda ma ppreżentat ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas dehret għas-seduta wara li ġiet innotifikata b'dan illi waqgħet fi stat ta' kontumaċja (a fol. 65).

Ra illi l-atturi għalqu il-provi tagħhom fis-27 ta' Settembru 2022 (a fol. 76).

Ra illi l-konvenut Kunsill Lokali Imġarr għalaq il-provi tiegħu fit-18 ta' Jannar 2023 (a fol. 89).

Ra illi l-konvenuta Infrastructure Malta għalqet il-provi tagħha fit-18 ta' Jannar 2023 (a fol. 89).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta Asfaltar Construction Limited (C 38006) għalqet il-provi tagħha fl-20 ta' Novembru 2024 (a fol. 171).

Ra illi l-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fid-29 ta' Jannar 2025 (a fol. 175).

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

Dan it-Tribunal ser jiddiskuti il-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta Joseph Cachia and Son Limited (C 93), il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut Kunsill Lokali Imġarr u it-talba tal-atturi.

<u>Il-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta Joseph Cachia and Son Limited (C 93)</u>

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi s-soċjeta' konvenuta Joseph Cachia and Son Limited (C 93) ma ressqet ebda risposta u/jew kontro-talba u anqas dehret għas-seduta wara li ġiet innotifikata b'dan illi waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

It-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-atturi da parti s-soċjeta' konvenuta iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm is-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi, dan ma jfissirx li hija abbandunat kull eċċezzjoni li setgħet tagħmel fil-kawża u ammettiet id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq l-atturi li jressqu provi sal-grad ta' probabbilità u li jressqu l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu

jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre', fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> *"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> *"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""*

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>Il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut Kunsill Lokali Imġarr</u>

It-Tribunal ħares lejn ir-risposta intavolata mill-konvenut Kunsill Lokali Imġarr fejn eċċepixxa l-preskrizzjoni (a fol. 32 u 33).

L-ewwelnett, it-Tribunal ħares lejn l-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi "*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell*."

Inoltre', it-Tribunal ħares lejn l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi illi "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni*

*bl-egħluq ta' sentejn*." It-Tribunal ħares ukoll lejn l-Artikolu 2154 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn seta' jikkonkludi illi dan l-allegat inċident ma jammontax għal reat hekk kif kontemplat fil-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew taħt xi liġi oħra li tirregola r-reati kriminali. Għaldaqstant, it-Tribunal jikkonkludi illi r-referenza li saret mill-konvenut Kunsill Lokali Imġarr għall-Artikolu 2153 hawn fuq imsemmi hija waħda korretta.

Ukoll, mill-evidenza prodotta mill-partijiet tul is-smiegħ ta' din it-talba, it-Tribunal seta' jinnota illi l-konvenut Kunsill Lokali Imġarr ġie debitament notifikat l-ewwel darba b'dan l-allegat inċident fit-28 ta' Ottubru 2021 (a fol. 35) fuq allegat inċident li seħħ fit-22 ta' Settembru 2019 (a fol. 27).

Għaldaqstant, it-Tribunal jikkonkludi illi din it-talba hija preskritta fil-konfront tal-konvenut Kunsill Lokali Imġarr.

<u>Talba tal-atturi u r-responsabbilita' o meno tal-atturi u/jew il-konvenuti</u>

L-atturi iddikjaraw fl-avviż tat-talba minnhom ippreżentat illi soffrew inċident awtomobilistiku fit-22 ta' Settembru 2019 fejn l-attur David Mallia kien qed isuq il-mutur tal-għamla BMW bin-numru tar-reġistrazzjoni HBX 019 fit-Triq Għajn Tuffieħa, Imġarr, u l-attriċi Mary Mallia kienet riekba miegħu.

Min-naħa tagħhom, il-konvenuti kollha irrespinġew illi kellhom xi responsabbilita' għal dak li sofrew l-atturi.

L-ewwelnett, it-Tribunal jerġa' jikkonkludi illi l-konvenut Kunsill Lokali Imġarr ma jistax jinstab ħati ta' ebda forma ta' danni għar-raġunijiet hawn fuq premessi. Dan ukoll joħroġ ċar mix-xhieda ta' Paul Vella, sindku tal-konvenut Kunsill Lokali Imġarr, meta xehed fit-18 ta' Jannar 2023 illi l-Kunsill Lokali qatt ma rċieva karti oħra qabel in-notifika ta' din it-talba (a fol. 99).

Fir-rigward tal-konvenuti l-oħra kollha, it-Tribunal ħares bir-reqqa lejn l-evidenza kollha fejn seta' jara illi l-permess sabiex isiru xogħolijiet f'dik it-triq indikata mill-atturi ħareġ f'isem is-soċjeta', Asfaltar Limited, liema kopja tal-permess tinsab a fol. 158 sa 164 u 194 sa 206. Fil-fatt, xehed ukoll il-Perit David Vassallo fit-18 ta' Jannar 2023 fejn xehed ili " .. *m'għandux x'jaqsam ma' xogħol ta' Infrastructure Malta* ..." (a fol. 101). Mark Anthony Cardona ukoll xehed fl-24 ta' April 2024 illi "*Ma jidhirlix li qatt kellna diskussjonijiet mal-Malta Enterprise* ..." (a fol. 136). B'iktar mod ċar, Adrian Mintoff, rappreżentant ta' Transport Malta, xehed fl-24 ta' April 2024 illi "*dak huwa permezz ta' l-Awtorita' maħruġ f'isem l-Asfaltar biex ikun jista' jaħdem*" (a fol. 139).

Iżda, it-Tribunal jinnota illi Asfaltar Ltd u Asfaltar Construction Limited huma żewġ soċjetajiet kompletament differenti fl-isem fejn tant hu hekk illi l-ittra legali ppreżentata mill-atturi proprju juri l-isem tas-soċjeta' Asfaltar Limited u mhux Asfaltar Construction Limited, liema kopja tal-ittra tinsab a fol. 26, u fejn għaldaqstant ma nġiebet ebda prova mill-atturi li dawn iż-żewġ soċjetajiet huma fil-fatt l-istess jew l-atturi talbu korrezzjoni tul is-smiegħ tal-kawża fl-isem tas-soċjeta' konvenuta. It-Tribunal iqis dak li jipprovdi l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" It-Tribunal huwa ben konxju illi l-isem tas-soċjeta' irid ikun preċiż fuq il-permess sabiex ikun hemm responsabbilita' tal-kuntrattur għaliex inkella is-soċjeta' tkun tista' tallega li ma hix responsabbli taħt il-permess maħruġ. It-Tribunal iqis illi dawn iż-żewġ soċjetajiet huma rreġistrati b'numru differenti u qatt ma jistgħu jirreferu minn waħda għal oħra. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tqis illi l-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, illi Artikolu 4 (1) jipprovdi illi kull kumpanija hija soċjeta'. L-Artikolu 4 (4) imbagħad jipprovdi illi "*soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.*"

It-Tribunal jinnota illi hemm xi verbali fejn jindikaw l-isem tas-soċjeta' mhux komplut skond l-avviż tat-talba intavolat mill-atturi imma jiċċara illi ma hemm ebda verbal li juri li l-atturi talbu xi korrezzjoni fl-isem tas-soċjeta'.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis illi ma hemm ebda responsabbilita' min-naħa tal-konvenuti.

Ġjaladarba dan it-Tribunal qies illi ħadd mill-konvenuti ma jista' jkun responsabbli għall-allegat inċident soffert mill-atturi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, it-Tribunal mhux ser ikun qed jiddiskuti n-negliġenza kontributorja o meno tal-atturi u t-talba għall-imgħax u l-ispejjeż mitluba mill-atturi.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tal-atturi.

Jillibera mill-osservanza tal-ġudizzju il-konvenuti kollha.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-atturi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur